**<u>Minuti tal-Laqgħa Tnejn u Tletin (32) tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , Il-Ħamis d-9 ta' Settembru, 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' fil-għaxija.</u>**

l-Laqgħa bdiet fil-5.43 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.15 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 7.25 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.30 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 6.20 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.43p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 7.00p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.55 p.m. | 8.15p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | Skużat | Imsiefer |
| Kunsillier Raymond Tabone | 5.30p.m. | 8.15p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.35 p.m. | 8.15 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex l-Kunsillier Mario Camilleri jagħmel mozzjoni biex il-Kunsill jibgħat il-kondoljanzi lill President tar-Republika ta' Malta, Dr. George Abela u lill Prim Ministru ta' Malta, Dr. Lawrence Gonzi għat-telfa ta' missirijiethom li t-tnejn mietu ftit tal-ġranet qabel. Din il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Raymond Tabone u approvata unanimament.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Tletin (31) Laqgħa tal-Kunsill li saret fil- 5 ta' Awissu 2010.**

1.01 Ġew approvati unanimament il-minuti tal-wieħed u tletin (31) Laqgħa tal-Kunsill li saret fil-5 ta' Awissu 2010.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa Nru (31) tal-5 ta' Awissu 2010.**

Dwar Para. 9.03/2 Is-Sindku nfurmat li saru spezzjonijiet fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar mill-Eco Wardens u sar rapport dwar nuqqasijiet u suġġerimenti. Il-lokalita ta' San Pawl il-Baħar kienet waħda minn tlett lokalitajiet li fihom saru dawn l-ispezzjonijiet għall-ewwel darba. Il-ħlas għal dan is-servizz ser isir mill-Gvern Centrali.

Dwar Para. 10.00/1 Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li huwa kien irċieva kummenti tajbin u posittivi dwar l-attivita' tal-Karnival tas-Sajf li sar f'Buġibba. Huwa xtaq, iżda, li għal darba oħra jittieħdu aktar miżuri ta' sigurta mal-arblu tal-ġostra matul il-ġranet li dan ikun armat biex nies ma jidħlux f'dik iż-żona.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qalet li l-*budget* approvat għal din l-attivita ma kienx biżżejjed u għalhekk talbet sabiex jiġi approvat li l-kontijiet marbuta ma' din l-attivita jitħallsu kollha. Dan ġie approvat unanimament.

Dwar Para.10.00/3 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea infurmat li kien hemm tibdil fid-data tal-viżita ta' Dr. Chris Said. Din ġiet posposta għal nhar il-Gimgħa 15 ta' Ottubru 2010.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

Ġiet imqassma lista tal-korrispondenza li kien fiha 24 *item*. Ma' din il-lista żdiedu żewġ *items* ta' korrispondenza oħra li tressqu dak il-ħin mis-Sindku. Id-deċiżjoni dwar din il-lista ta' Korrispondenza u Komunikazjonijiet tinsab fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

**3.01** Saret diskussjoni dwar korrispondenza numru 19 li kienet tikkonsisti fi statement mingħand Jonstor Ironmongery ta' Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar. Ma' dan kien hemm kopji ta' 14-il Invoice li jammontaw għas-somma ta' Euro 8,844.19 bid-dati minn Marzu 2010 sa Mejju 2010.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qalet li dawn, skont kif ikkonfermaw kemm l-*accountant* tal-Kunsill: is-Sinjura Romina Perici Ferrante, l-ex Segretarju Eżekuttiv: is-Sinjura M'Rose Camilleri, u l-*accounts clerk*: is-Sinjorina Candice Zarb qatt ma kienu ġew ippreżentati l-oriġinali tagħhom lill-Kunsill u għalhekk ma kienux jidru fil-kotba tal-Kunsill. Lanqas ma' kienu nħarġu *purchase orders* mill-Kunsill għal-dan ix-xiri. Mill-kopji ta' dawn l-*invoices* kien jidher li dawn kienu iffirmati kollha mis-Sur Joseph Borda, it-*Technical Officer* tal-MRRA, għajr waħda li kienet iffirmata minn persuna dipendenti minnu. Is-Sur Borda jieħu ħsieb il-manutenzjoni taż-żona turistika fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.

Is-Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri ikkonferma li huwa sar jaf b'dawn l-*invoices* meta sidien il-ħanut Jonstor Ironmongery talbuħ iħallas il-kontijiet pendenti u ġabulu kopji tal-*invoices* imsemmija. Huwa kien ċempel lil-ex Segretarja Eżekuttiva u din qalet li ma kienetx taf b'dawn l-invoices u li jekk ma kienx hemm *purchase orders* dawn ma kellhomx jitħallsu.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qalet li saret laqgħa mas-Sur Borda, li kien akkumpanjat mis-Sur Mario Sultana, u dan qal li huwa dejjem kien jibgħat l-originali tal-*invoices* lill-Kunsill u li wieħed seta faċilment jiċċekja l-kontenut ta' dawn l-*invoices* għaliex ix-xogħol ta' manutenzjoni kien sar u dan ix-xiri kien relatat ma' dawn ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni.

Il-Kunsillier Raymond Bartolo, talab li ssir *audit* tax-xogħolijiet ta' manutenzjoni li sar.

Ġie deċiż li dan il-każ jiġi riferut lid-Dipartiment tal-Kunsilli u tintbgħat kopja lid-Dipartiment tal-MRRA u li l-Kunsill għandu jimxi fuq id-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli.

**3.02** Meta ġiet diskussa l- korrispondenza numru 11, li kienet talba sabiex triq issir *one-way,* ġie unanimament deċiż li l-Kunsillier Peter Abela jieħu post il-Kunsillier Raymond Tabone fuq is-sotto kumitat tat-*Traffic.*

**3.03** Meta ġiet diskussa l-korrispondenza numru 16, rapport tal-Kunsillier Mario Camilleri dwar il-kundizzjoni tal-latrini pubbliċi fil-lokalita ta' San Pawl il-Baħar, ġie unanimament deċiż li l-Kunsillier Mario Camilleri jieħu r-responsabilita' tal-latrini pubblici minflok il-Kunsillier Alfred Grima li kien imsiefer.

Inqara r-rapport tal-Kunsillier Mario Cmilleri kif ukoll rapport ieħor tas-Segretarju Ezekuttiv u tqassmu kopji tagħhom. Ġie deċiż li dawk il-latrini li huma antiki u fi stat Ħażin issirilhom manutenzjoni urġenti. Kien hemm diversi latrini li kellhom bżonn ta' rinovament mill-qigħ u ġie deċiż li l-Kunsill jibda b'dik tax-Xemxija u wara jsiru oħrajn. Il-Kunsillier Mario Camilleri għandu jagħmel *meeting* mal-perit sabiex isir xogħol estensiv fiha u jsir wkoll *toilet* għall-persuni b'diżabilita'. Għandhom jiġu installati fittings vandal proof.

Dwar il-kwistjoni tat-*tender* ta' manutenzjoni tal-latrini għandu jintbgħat reminder lid-Dipartiment tal-Kunsilli dwar x'għandu jsir.

## 4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta'Xoghol.

### 4.01 Rendikont ta' Dħul ta' Fondi.

Ġiet approvata il-lista ta' dħul ta' fondi tal- Kunsill kifipprezentata.

**4.02 Rendikont ta' Pagamenti**

Il-Lista tal-Pagamenti ġiet approvata minbarra dawk kif ġej:

(a) Pagament PV 1590 , kont mingħand Enemalta tad-dawl - Burmarrad. Ma' jitħallasx qabel jiġi ivverifikat jekk dan hux kont *actual* jew *estimated* u kif hemm dan il-konsum kollu.

**(b)** Pagamenti PV 1609 ma ġiex approvat.

**4.03 Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol**

Ġiet approvata l-lista kif ippreżentata.

**4.04 Financial Indicator / Accounts – Quarter Ending 30.06.2010**

Tqassmu d-dokumenti kif ippreparati mill-accountant tal-Kunsill, is-Sinjura Romina Perici Ferrante, iżda billi din ma setgħetx tkun preżenti għall-Laqgħa, ġie deċiż li dan l-*item* jitħalla għal-Laqgħa oħra.

**5.00 Tiġdid ta' Kuntratti.**

**5.01** Tqassmet lista bid-dettalji tat-tenders u kuntratti kurrenti. Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea talbet li jiġi approvat li jiġġeddu għal sena oħra dawk il-kuntratti li għalqu s-sena u li għalhekk jistgħu jiġu mġedda sa massimu ta' tlett snin.

Il-Kunsillier Raymond Bartolo, Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, ma qabilx li jiġu mġedda l-kuntratti tat-tindif tal-pjazza ta' Burmarrad. Huwa qal ukoll li fil-każ tal-Gbir ta' Skart Goff, il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad għandu joħroġ offerta separatament minn dik tal-Kunsill, biex possibilment tinġab offerta aktar vantaġġjuża minn dik preżenti.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qalet li fuq dan jeħtieġ jinġab parir mid-Dipartiment tal-Kunsilli għax jekk titnaqqas parti mix-xogħol lill-kuntrattur preżenti bil-possibilita' li jingħata lil ħaddieħor jista' jkun li l-Kunsill jiġi espost għal xi danni f'każ li jiġi mfittex mill-kuntrattur.

Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li huwa jixtieq li jiddiskuti din il materja tat-*tenders* il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad għal dak li għandu x'jaqsam ma' Burmarrad u l-Wardija.

Ġie deċiż li jiġu mġedda dawk il-kuntratti li għalqu u dan l-*item* jerġa jittella' bħala *agenda item* darb oħra.

**6.00 Ħruġ ta' Sejħa għall Ingaġġ ta' *Handyman***

**6.01** Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, spjegat li kienet qed tinħass il-ħtieġa li jiġi ingaġġat handyman fuq bażi ta' full-time jew bħala self employed imma li jagħmel numri fiss ta' sigħat (daqs 40 sieg)a) fil-ġimgħa mall-Kunsill. Dan ikollu il-mezz ta' trasport tiegħu kif ukoll l-għodda tiegħu u jkun ukoll *on call basis*. Dan ikun bniedem jifhem u jaf jagħmel xogħol ta' manutenzjoni u fl-istess ħin jekk ikun hemm il-ħtieġa jagħmilha ta' contracts manager fuq kuntratturi u jkun ukoll responsabbli minn team ta' nies mil l-iskemi tal-IPSL u ETC li jintbagħtu jaħdmu mal-Kunsill.

Il-Kunsillier Raymond Tabone ma qabilx ma' din il-proposta.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, poġġiet mozzjoni ssekondata minn Peter Abela sabiex jiġi ingaġġat *handyman* għall-votazjoni u din għaddiet b'sebgħa voti kontra tlieta. Il-Kunsilliera Jason Camilleri, Raymond Tabone u Alex Bezzina ivvutaw kontra.

Ingħataw struzjonijiet sabiex jiġi ppreparat id-dokument għal dan l-ingaġġ u jiġi iċċirkulat bħala memo lill-Kunsilliera kollha.

**7.00 Awtorizazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv għall-użu tal-B.O.V. Key (see only)**

Ġie approvat unanimament li s-Segretarju jiġi awtorizzat ikollu access (Key) permezz tal-*internet* sabiex jara l-kontijiet tal-Kunsill fuq bażi ta' *see only*.

**8.00 Aġġornamenti**

**8.01** Is-Sindku, il-Perit Grażiella Galea, ressqet talba sabiex bħal snin oħra tingħata t-tilqima ta' kontra l-influenza b'xejn lil dawk ir-residenti li għandhom minn 55 sena 'il fuq. Din ġiet approvata unanimament.

Is-Sindku, il-Perit Grażiella Galea, semmiet ukoll il-problema ta' *water sepage* fil-kumpless ta Casa Serena. Ġie approvat li jsiru x-xogħlijiet neċessarji fuq il-bankina.

**8.02** Il-Viċi-Sindku, John Bray, semma il-każ ta' talba għal irranġar ta' rampa ta' *garage* fi Triq San Ġwann Battista minħabba li s-sid issa jrid jibda juża il-*garage* imma għandu diffikulta' minħabba li l-bankina hija għolja wisq.

Is-Sur Bray ġie infurmat li din ittieħdet deċiżjoni fuqha fl-item tal-korrispondenza ta' din il-Laqgħa (korrispondenza no. 8 f'*aġenda item* 3).

Ittieħdet deċiżjoni li meta il-bankina tkun saret u xi resident jiddeċiedi jiftaħ jew jibdel l-użu ta' xi garage u jkun hemm bżonn tibdil fil-livell tal-bankina, dan ix-

xogħol għandu jsir a spejjeż tar-resident taħt is-superviżjoni u bl-approvazjoni tal-perit tal-Kunsill , liema spejjeż tal-perit iridu jitħallsu wkoll mir-resident jew applikant.

Il-Viċi-Sindku talab lis-Sindku tara li tittieħed azzjoni dwar ilmenti fi Triq ix-Xitwa, Triq it-Tonn u *double white lines* fix-Xemxija. Is-Sindku qalet li ser tieħu ħsieb dawn l-ilmenti billi tibgħat *reminder* lill-TM.

**8.03** Il-Kunsillier Raymond Tabone talab li jsiru ir-*road markings* fi Triq il-Maqdes Megalitiku.

**8.04** Il-Kunsillier Alex Bezzina talab li tiġi rranġata kurduna li qed tinqala' ħdejn l-istabbiliment ta' Piscopo Cash and Carry.

**8.05** Il-Kunsillier Frank Gauci talab li tiġi rranġata il-bankina faċċata ta' Paper Clips fi Triq San Pawl.

**8.06** Il-Kunsillier Peter Abela talab li:

1. Issir applikazjoni għall-zebra crossing fi Triq Ġulju,
2. Titnaqqas il-wisa' tal-bankina f'tal-fjuri bye-pass sabiex jinħoloq spazju għall-parkeġġjar ta' vetturi.
3. Il-Kunsill jaħseb għal tiżjin tal-Milied. Talab li jiġi ikkonsultat.
4. Tinbidel il-bankina ta' Triq Parades, Triq il-Katidral u Triq id-Duluri.
5. Jiġu nstallati Electrical Points f'diversi postijiet stratetiġi kif jidher f'mappa li huwa pprepara.
6. Jinqalgħu siġar fi Triq il-Pijunieri u jsir pjan ta' *landscaping* ġdid.

**8.07** Il-Kunsillier Martin Zerafa talab li:

1. Meta jinħarġu works orders, il-kuntratturi jinfurmaw lill-Kunsill meta jkunu ser jagħmlu x-xogħol.
2. Isir ir-rifreskar tar-*road markings* fi triq ta' quddiem is-Sunny Coast.
3. Jintbagħtu l-Eco Wardens fi Triq in-Nawċiera u Triq il-Qawra.

**8.08** Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li l-budget ivvotat għal l-attivita' Festa Bdiewa f'Burmarrad ma kienx biżżejjed għaliex il-Pulizija talbu 700 Euro għas-servizz tagħhom.

Ġie approvat unanimament li s-somma ivvotata gĦal din l-attivita' tiżdied b'massimu ta' 700 Euro.

Huwa talab li jsiru kwantita' ta' *dustbins* ġodda f'Burmarrad, jinbidel il-ħin tat-tbattil tal-bins fil-Wardija, u li jsiru numru ta' *boards* b'*cameras* finti tas-CCTV. Huwa qal li dawn it-talbiet ġew diskussi u approvati fil-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

Huwa talab użu ta' Mobile Phone għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Is-Sindku qalet li din il-materja għandha tgħaddi lid-Dipartiment tal-Kunsilli. Din it-talba tibqa' pendenti sakemm jkun hemm gwida mid-Dipartiment.

**8.09** Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li:

1. Ma għandhomx jitħallew *bicycles* fuq il-bankini tal-promenade.
2. Għandu jinħareġ tender għal ħmistax il-*flower pot* oħra (bil-*hanging plants*) bħal dawk tax-Xemxija.
3. Fl-attivitajiet tal-Milied għandhom jiħu inklużi attivitajiet għat-tfal.
4. Il- Kunsill japprova li jingħataw b'kemm jiswew 500 Euro addizzjonali f'servizzi għall-festa tal-Qawra.

**9.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Il- Laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

________________________
Il-Perit Graziella Galea
Sindku

________________________
John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv